



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.4.2013
COM(2013) 179 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

It-Tieni Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

It-Tieni Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE

1. INTRODUZZJONI

1.1. Is-sigurtà interna fil-kuntest tal-lum

L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE hija mfassla biex tippermetti lill-Ewropa twieġeb għall-isfidi eżistenti u t-theddid emerġenti, skont approċċ komuni li jinvolvi kemm atturi tal-UE kif ukoll livelli nazzjonali u lokali.

Din l-istrateġija hija bażata fuq il-valuri komuni tar-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt, is-solidarjetà u l-appoġġ reċiproku. Il-Kummissjoni se tkompli tiżgura r-rispett sħiħ ta' dawn il-valuri, partikolarment tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali.

Waħda mill-ikbar theddidiet għas-sigurtà interna tagħna hija l-kriminalità organizzata u l-effetti detrimentali tagħha fuq l-ekonomija tal-UE, inkluż distorsjonijiet fis-suq intern.

Bħala eżempju, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi u l-Kriminalità (UNODC) jistima li r-rikavat tal-kriminalità x'aktarx ammonta għal madwar 3.6 % tal-PDG globali jew madwar USD 2.1 triljuni fl-2009. Il-Korruzzjoni, il-frodi u l-kuntrabandu jwasslu għal telf kbir għall-gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE fi żmien meta l-ħtieġa ta' dħul u ta' bażi tat-taxxa stabbli huma essenzjali biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi tal-finanzi pubbliċi tagħhom.

L-indirizzar tal-flus, u l-ikkonfiskar tar-rikavat mill-kriminalità, għadhom għan ewlieni tal-istrateġija tal-UE għat-tfixkil tan-netwerks tal-kriminalità organizzata.

Il-Kummissjoni diġà introduċiet inizzjattivi u strumenti biex jintlaħaq dan l-għan, bħad-Direttiva dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea, ir-raba' Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus, u d-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

L-approċċ amministrattiv, li jipprovdi opportunitajiet għas-sejba ta' infiltrazzjoni kriminali fl-ekonomija u għal reazzjoni wara li din tinstab, jappoġġa wkoll l-għan biex jiġnaqqsu l-iżbilanċi kkawżati fost affarijiet oħra mill-kriminalità organizzata u li jinħolqu l-kundizzjonijiet biex is-suq intern jiffjorixxi. L-istabbiliment riċenti fil-Europol taċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) huwa maħsub biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Ewropa li jiġu protetti ċ-ċittadini, in-negozji u l-gvernijiet u l-infrastruttura tagħhom minn attakki ċibernetiċi li jistgħu jikkawżaw telf ekonomiku kbir.

L-ISS huwa bbażat fuq ħames oġġettivi strateġiċi, jiġifieri t-tfixkil tan-netwerks tal-kriminalità internazzjonali, il-prevenzjoni tat-terroriżmu, it-tisħiħ tas-sigurtà ċibernetika, it-tisħiħ tas-sigurtà tal-fruntieri u ż-żieda fir-reżiljenza għall-kriżijiet u d-diżastri. Fir-rapport ta' implimentazzjoni tal-ISS tal-2011, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u ċ-ċiberkriminalità ġew identifikati bħala żewġ sfidi ewlenin li għandhom jiġu indirizzati fis-sena li ġejja. Minn dak iż-żmien sar ħafna xogħol, flimkien mal-azzjonijiet taħt l-għanijiet oħrajn tal-istrateġija.

2. L-ISTRATEĠIJA TAS-SIGURTÀ INTERNA F'DIN L-AĦĦAR SENA

2.1. Obiettiv strateġiku 1: It-tkissir tan-netwerks kriminali internazzjonali

L-attivitajiet ta' netwerks tal-kriminalità organizzata huma maħsuba li huma iżjed minn qatt qabel kumplessi, diversi u internazzjonali fl-iskop tagħhom. Pereżempju, l-kriminalità organizzata faċilitata bl-internet ser tkompli tiżdid f'konformità maż-żieda fl-użu tal-konnessjonijiet broadband tal-internet u t-tagħmir tal-mobiles.

Iċ-Ċiklu tal-politika tal-UE dwar il-kriminalità serja u organizzata jgħin jikkordina l-koperazzjoni operazzjonali dwar il-fenomeni rilevanti tal-kriminalità għall-UE kollha. L-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jiġġieldu bi prijorità l-kriminalità transfruntiera, bl-appoġġ tal-aġenziji u l-istituzzjonijiet tal-UE. Il-fenomeni ta' kriminalità prijoritarja huma identifikati permezz tal-valutazzjonijiet tat-theddid prodotti mill-Europol (notevolment, SOCTA), ibbażati fuq kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri. Attwalment qed jiġi implimentat ċiklu ta' politika qasir li jkopri l-perjodu bejn l-2011 u l-2013 bħala fażi ta' tagħlim għal ċiklu sħiħ ta' politika li jkopri l-2013-2017.

Fil-bidu tal-2013 il-Kummissjoni adottat proposti għar-**Raba' Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus**¹ flimkien ma' **Regolament dwar it-Trasferiment tal-Fondi**². Dan tal-aħħar se jiġi ssupplimentat, aktar tard fl-2013, bi proposta għal **Direttiva dwar il-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus**. Dan il-pakkett se jindirizza riskji u theddidiet ġodda, partikolarment billi jtejjeb it-trasparenza tal-entitajiet legali. L-azzjonijiet kontra l-ħasil tal-flus, huma wkoll żviluppati barra mill-UE permezz tas-Servizz għall-Azzjoni Esterna f'kooperazzjoni ma' pjattaformi reġjonali fl-Afrika u l-Amerika Latina.

Proposta għal **Direttiva dwar l-iffalsifikar tal-muniti**³ ġiet adottata wkoll fil-bidu tal-2013. Il-proposta tistabbilixxi b'mod partikolari sanzjonijiet kriminali ġodda. Fattur ieħor importanti huwa l-obbligu tal-Istati Membri biex jagħmlu għodod investigattivi effettivi disponibbli għad-detezzjoni ta' każijiet tal-iffalsifikar tal-muniti, ekwivalenti għal dawk li jintużaw biex jissieltu l-kriminalità organizzata jew reati serji oħra.

Il-proposti għal **Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali**⁴ u **Direttiva dwar is-sanzjonijiet kriminali għal abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipolazzjoni tas-suq**⁵ huma għodod addizzjonali tal-liġi kriminali li jindirizzaw dgħufijiet prinċipali li jikkonċernaw il-kummerċ fis-suq intern u s-swieq finanzjarji, rispettivament.

Il-Kummissjoni komplet tippromwovi inizzjattiva strateġika ġdida tal-UE kontra l-korruzzjoni. Dan isegwi approċċ b'żewġ aspetti: 'Rapport tal-UE Kontra l-korruzzjoni' li jivvaluta l-isforzi tal-Istati Membri kontra l-korruzzjoni fuq bażi regolari, u iffoka aktar bil-qawwi fuq il-korruzzjoni fl-oqsma kollha ta' politika interna u esterna tal-UE. Grupp ta' 17-il espert fuq il-korruzzjoni u netwerk ta' korrispondenti lokali tar-riċerka fl-Istati Membri kollha twaqqfu biex jippreparaw l-ewwel Rapport tal-UE ta' Kontra l-Korruzzjoni, biex jiġi ppreżentat fl-2013.

Il-proġett Ewropew ta' Sistemi Nazzjonali tal-Integrità (ENIS), kofinanzjat mill-Kummissjoni, tlesta minn Transparency International fl-2012, u kien ikopri 23 Stat Membru tal-UE, kif ukoll in-Norveġja u l-Isvizzera. B'kollox ġew analizzati 13-il istituzzjoni u setturi f'kull pajjiż u ngħataw grad għall-kapaċità tagħhom li jittrattaw il-korruzzjoni. Transparency International

¹ COM(2013) 45/3

² COM(2013) 44/2

³ COM(2013) 42 finali.

⁴ COM(2012) 363 finali.

⁵ COM(2011) 654 finali.

ippubblikat valutazzjonijiet tal-pajjiż individwali u rapport analitiku komparattiv. Ir-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-valutazzjonijiet ENIS huma fost is-sorsi kkunsidrati fix-xogħol tar-Rapport tal-UE dwar il-ġlieda Kontra l-Korruzzjoni.

Il-konfiska tal-ġid tal-kriminalità tista' effettivament tikkumbatti l-kriminalità peress li tattakka l-inċentiv finanzjarju tal-kriminalità, tipproteġi l-ekonomija kontra l-infiltrazzjoni kriminali u l-korruzzjoni, u tgħin biex terġa' tinkiseb ġustizzja soċjali. Proposta għal **Direttiva dwar l-Iffriżar u l-Konfiska tar-Rikavat minn Reati Kriminali fl-UE**⁶ ġiet adottata mill-Kummissjoni biex isir eħfef biex jiġu ffriżati u kkonfiskati l-profitti minn kriminalità serja u organizzata fl-Unjoni Ewropea permezz ta' regoli komuni minimi, u b'hekk tiġi protetta l-ekonomija leċita.

L-isforzi fil-livell tal-UE jimxu id f'id ma' inizjattivi tal-Istati Membri, bħall-istabbiliment ta' uffiċċji u timijiet ġodda għall-irkupru tal-assi fl-Awstrija, ir-Rumanija u l-Estonja, u l-appoġġ mill-Europol lill-Istati Membri permezz tal-Uffiċċju tal-Europol dwar l-Assi Kriminali. Xi Stati Membri waqqfu wkoll mekkaniżmi biex jużaw mill-ġdid l-assi kkonfiskati għal skopijiet pubbliċi u soċjali.

Il-proġett taċ-Ċentru ta' Eċċellenza Spanjol dwar l-Irkupru tal-Assi u t-Taħriġ (CEART), kofinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, ipproduċa Ktieb Abjad dwar l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi li jiddeskrivi fid-dettall l-attivitajiet ta' kull Uffiċċju. Il-proġett CEART kien jinkludi wkoll kors ta' taħriġ internazzjonali dwar l-irkupru tal-assi u investigazzjonijiet finanzjarji li kien fost l-ewwel korsijiet pan-Ewropej disponibbli għal professjonisti fil-qasam tal-irkupru tal-assi.

L-Unjoni Ewropea kkonkludiet ftehimiet ġodda mal-Istati Uniti u l-Awstralja dwar l-użu u t-trasferiment tar-**Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)**⁷, u tinsab qrib li tikkonkludi negozjati mal-Kanada. Dawn il-ftehimiet jippermettu li d-dejta tiġi analizzata mis-sieħba tagħna biex issir prevenzjoni, detezzjoni u investigazzjoni ta' reati serji transfruntiera, inklużi reati terroristiċi. Id-dejta tal-PNR, mhux l-inqas billi tippermetti l-identifikazzjoni ta' persuni li qabel kienu "mhux magħrufa" mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi iżda li jkunu ta' periklu għas-sigurtà, tgħin biex tfixxkel networks kriminali aktar malajr u b'mod aktar effettiv.

L-Istrateġija tal-UE lejn l-Eradikazzjoni tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012-2016, adottata f'Ġunju 2012, tikkonċentra fuq żieda fil-prosekuzzjoni tat-traffikanti, assistenza u protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar u l-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, u tespandi u tikkumplementa d-Direttiva adottata fl-2011⁸. Il-Koordinatur tal-UE ta' Kontra t-Traffikar għandu responsabilità importanti fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija bil-għan li tittejjeb il-koordinazzjoni u l-koerenza fost atturi rilevanti. Il-**Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali dwar it-Traffikar tal-Bnedmin**, immexxi b'mod konġunt mir-Renju Unit u l-Pajjiżi l-Baxxi, huwa wieħed mit-tmien oqsma prijoritarji fiċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE dwar il-kriminalità serja u organizzata. Biex jittejjbu l-iffokar u l-koerenza fid-dimensjoni esterna tal-ħidma tal-UE dwar it-traffikar tal-bnedmin, lista ta' pajjiżi mhux membri prijoritarji ġiet miftiehma mill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-aġenziji tal-UE.

L-iskambju transfruntier tal-informazzjoni fi ħdan l-UE huwa essenzjali fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u transfruntiera. Madankollu, hemm ambitu għat-titjib. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-**Mudell Ewropew għall-Iskambju tal-Infurmazzjoni (EIXM)**, il-

⁶ COM(2012) 85 finali.

⁷ ĠU L 186, 14.7.2012, P. 4 (l-Awstralja) u ĠU L 215, 11.8.2012, P. 5 (l-Istati Uniti).

⁸ Id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu.

Kummissjoni tistabbilixxi pjan għal implimentazzjoni aħjar tal-istrumenti eżistenti tal-UE, użu aktar sistematiku tal-kanal tal-Europol għall-iskambju tal-informazzjoni, u Punti Uniċi ta' Kuntatt nazzjonali li jiġbru flimkien il-mezzi prinċipali għall-iskambju tal-informazzjoni⁹.

L-istrateġija l-ġdida tal-UE dwar id-Drogi 2013-2020 tiffoka, fost l-oħrajn, fuq id-dinamika tas-swieq tad-drogi illeċiti, inkluż il-bidla fir-rotot tat-traffikar tad-drogi, il-kriminalità transfruntiera organizzata u l-użu ta' teknoloġiji ġodda tal-komunikazzjoni bħala faċilitaturi għad-distribuzzjoni ta' drogi illeċiti u sustanzi psikoattivi ġodda. Hija għanda għadd ta' għanijiet, fosthom li tikkontribwixxi għal tnaqqis miżurabbli tad-domanda għad-drogi, tad-dipendenza mid-droga u r-riskji u l-ħsara għas-saħħa u dawk soċjali relatati mad-droga; li tikkontribwixxi għat-tfixkil tas-suq tad-drogi illeċiti u tnaqqis li jista' jitkejjel tad-disponibbiltà ta' drogi illeċiti; li tinkoraġġixxi l-kordinament permezz ta' dibattitu attiv u analiżi tal-iżviluppi u l-isfidi fil-qasam tad-drogi fil-livell tal-UE u dak internazzjonali.

Ir-rapport "**Is-suq tad-Drogi tal-UE**" li tnieda f'Jannar 2013 kien pass kbir 'il quddiem fil-koordinazzjoni bejn l-aġenziji fil-qasam tal-affarijiet interni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-traffikar illeċitu tad-drogi. Prodott b'mod konġunt miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) u l-Europol, ir-rapport enfasizza għadd ta' xejriet ġodda, inkluż il-produzzjoni mobbli tal-amfetamina u l-ekstasi u l-produzzjoni li splodiet ta' sustanzi psikoattivi ġodda li huma kkummerċjalizzati b'mod aggressiv liż-żgħażaġħ permezz tal-internet. Il-kooperazzjoni pan-Ewropea u fehim ċar tal-iżvilupp tas-suq tad-drogi huma essenzjali għal infurzar tal-liġi effettiv f'dan il-qasam li qed jinbidel b'pass mgħaġġel.

Il-Europol għandu rwol importanti biex jiffaċilita l-iskambju transfruntieri tal-informazzjoni fl-UE permezz tal-provvista ta' sistemi ta' skambju u ħażna tal-informazzjoni u firxa ta' servizzi ta' appoġġ operazzjonali u prodotti analitiċi. Sa tmiem it-tielet kwart tal-2012, il-Europol kien iffaċilita l-iskambju ta' l fuq minn 200 000 messaġġ operazzjonali u kien ingħata bidu għal kważi 12 000 każ. Il-Europol appoġġja għadd¹⁰ dejjem akbar ta' operazzjonijiet ta' profil għoli fl-Istati Membri permezz tal-ġotti ta' servizzi ta' appoġġ operazzjonali u aktar minn 600 rapport ta' analiżi operazzjonali. Il-kontribuzzjonijiet ta' informazzjoni mill-Istati Membri għall-Analiżi tal-Fajls tax-Xogħol żdiedu b'40 fil-mija b'mod ġenerali wara l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet miftiehma fil-kuntest taċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE, u żdiedu b'sa 60 fil-mija fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin.

Il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni transfruntieri huma wkoll appoġġjati mit-taħriġ fil-livell tal-UE provdut mis-**Cepol**. Fl-2012, is-CEPOL ipprova taħriġ għal kważi 6 000 parteċipant f'aktar minn 100 attività ta' taħriġ differenti fuq diversi suġġetti li jvarjaw minn kriminalità finanzjarja u traffikar tad-drogi għal JITs (Timijiet Konġunti ta' Investigazzjoni), it-traffikar tal-bnedmin u ċ-ċiberkriminalità.

Il-Eurojust jibqa' attur importanti fil-kooperazzjoni ġudizzjarja f'każijiet kriminali. Il-ġlieda kontra kriminalità serja u organizzata kienet u se tibqa' prijorità għax-xogħol każistiku tal-Eurojust. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata jitfaċċaw, mhux biss bħala karatteristika iżolata, iżda wkoll bħala karatteristika trasversali li żżid komponent iktar serju għal reati oħra. Fl-2012, 231 każ relatati mal-kriminalità organizzata ġew reġistrati fil-Eurojust meta mqabbel ma' 197 każ fl-2011.

Għodda effettiva oħra biex jiġu rintraċċati l-kriminali hija l-użu ta' **Timijiet Konġunti ta' Investigazzjoni (JITs)**. Il-finanzjament provdut mill-Eurojust jiffaċilita t-twaqqif ta' JITs ibbażati fuq ħtiġijiet operazzjonali anke fi żmien qasir. Sa Frar 2013, il-Eurojust appoġġja,

⁹ COM(2012) 735 finali.

¹⁰ Żieda ta' 43 fil-mija meta mqabbel mal-2011.

permezz tat-tieni Proġett ta' Finanzjament tal-JIT, 87 JIT differenti fuq il-bażi tal-252 applikazzjoni ta' finanzjament li rċieva. Il-parti l-kbira tal-JITs jiffokaw fuq it-traffikar tad-drogi u tal-bnedmin, iżda huma indirzzaw ukoll il-ħasil tal-flus, il-frodi, il-korruzzjoni u serq organizzat.

Il-JIT dwar il-"Każ Tokio" ġie stabbilit bejn il-Belġju, Franza u r-Renju Unit, bil-parteċipazzjoni tal-Eurojust u l-Europol, biex jinvestiga netwerk ta' couriers rekrutati minn ċirku tal-kriminalità organizzata fil-Belġju u Franza għat-traffikar internazzjonali tad-droga mill-Brażil u xi pajjiżi Afrikani Ċentrali lejn il-Ġappun vija Londra. Saret operazzjoni konġunta, b'diversi arresti fil-Belġju u r-Renju Unit. Żewġ individwi ġew sussegwentement ikkundannati għal tmien snin priġunerija u multa ta' EUR 3 780 u sitt snin u sitt xhur priġunerija u multa ta' EUR 30 000, rispettivament.

It-triq' il quddiem fl-2013

Il-Kummissjoni se:

- **tippubblika l-ewwel Rapport tal-UE dwar il-ġlieda Kontra l-Korruzzjoni, inklużi rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri;**
- **tipproponi Direttiva dwar sanzjonijiet kriminali għall-ħasil tal-flus;**
- **tipproponi riforma tal-Eurojust;**
- **tiżviluppa inizjattiva politika biex jiġi miġġieled it-traffikar illeċitu fl-armi tan-nar biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà interna tal-UE;**
- **tipproponi żewġ atti leġislattivi li jemendaw id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI tal-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll ta' sustanzi psikoattivi ġodda u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pjeni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi;**
- **tippreżenta Regolament dwar it-twaqqif ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew sabiex titjieb il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea u jsaħħaħ il-prosekuzzjonijiet kriminali f'dan il-qasam;**
- **tadotta Komunikazzjoni dwar Strateġija Komprensiva biex tiġġieled il-kutrabandu tas-sigaretti.**

L-Istati Membri huma inkoraġġuti biex:

- **jagħmlu progress mgħaġġel fin-negożjar tal-proposta għar-riforma tal-Europol u s-CEPOL, flimkien ma' enfasi akbar fuq it-taħriġ ta' uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera;**
- **jikkonkludu d-diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew dwar id-Direttiva dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fl-UE u dwar id-Direttiva dwar l-użu tad-dejta tal-PNR għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi;**
- **ikomplu jiżviluppaw aktar ir-riżorsi u s-setgħat tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tagħhom;**
- **isegwu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar il-Mudell Ewropew għall-Iskambju tal-Infurmazzjoni (EIXM);**

- jieħdu azzjoni, skont l-Istrateġiji tal-UE, li jindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin u tad-drogi;
- isegwu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-ewwel Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni 2013 li se jiġi ppubblikat dalwaqt;
- jimplimentaw Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali fi ħdan iċ-ċiklu tal-politika dwar: it-traffikar tal-bnedmin, gruppi mobbli ta' kriminalità organizzata, il-kuntrabandu ta' komoditajiet fil-forma ta' kontejners, id-drogi sintetiċi, rotot tad-drogi li joriġinaw mill-Afrika tal-Punent, u l-kriminalità li toriġina mill-Balkani tal-Punent.

2.2. Obiettiv strateġiku 2: Il-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-indirizzar tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ

Skont il-Europol, għalkemm l-għadd kumplessiv ta' attacchi terroristiċi fl-Istati Membri tal-UE naqas f'dawn l-aħħar snin, it-theddid tat-terroriżmu bħalissa jippreżenta stampa b'diversità kbira (terroriżmu ispirat minn Al-Qaeda, terroriżmu tal-lemin u tax-xellug jew anarkisti, separatisti u terroristi bi kwistjoni waħda partikolari) b'żieda possibbli f'attentati minn atturi waħedhom jew gruppi żgħar, awtonomi. Barra minn hekk, l-iżviluppi ġeopolitiċi fil-Lvant Nofsani, ir-reġjun tas-Saħel u l-Qarn tal-Afrika se jkollhom impatt fuq is-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Ewropa. Speċjalment, ċittadini tal-UE radikalizzati li jivvjaġġaw lejn u li jipparteċipaw f'żoni fejn hemm il-konflitti, imsejħa għallieda barranin, u mbagħad jirritornaw lura lejn l-Ewropa b'esperjenza fil-kunflitti, se jkomplu jheddu l-UE.

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu baqgħet prijorità għall-Unjoni Ewropea f'sena meta l-attakki f'Toulouse u Burgas enfasizzaw b'mod traġiku r-realtà tat-theddida terroristika.

Wara l-attakk ta' Burgas, il-**Europol** ipprova appoġġ operazzjonali apprezzat ħafna lill-awtoritajiet Bulgari. Barra minn hekk, in-netwerk tal-UE AirPol, li jikkonsisti f'awtoritajiet tal-pulizija responsabbli għas-sigurtà fl-ajruporti u ż-żoni tal-madwar, ħarġet gwida dwar miżuri ta' sigurtà u proċeduri ġodda biex jipprevjenu attacchi simili fi żmien 24 siegħa.

In-netwerk tal-AirPol irċieva l-mandat tiegħu abbażi ta' Deċiżjoni tal-Kunsill wara l-attakki tal-merkanzija tal-Jemen fl-2010 u jaħdem biex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki u jsir tisħiħ tal-kapaċitajiet abbażi tal-programm tal-Kummissjoni għall-prevenzjoni tal-finanzjament tal-kriminalità (ISEC).

It-terroriżmu jibqa' wieħed mill-prijoritajiet tax-xogħol operazzjonali tal-**Eurojust**¹¹. Barra minn hekk, fl-2012 il-Eurojust żviluppa ulterjorment il-kunċett u l-kontenut tal-Monitoraġġ tal-Kundanni tat-Terroriżmu (TCM - Terrorism Convictions Monitor), li jagħti ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi ġudizzjarji relatati mat-terroriżmu fl-Istati Membri, kif ukoll analiżi ġudizzjarja dwar każijiet magħżula.

Workshop għall-professjonisti organizzat b'mod konġunt mill-Eurojust u l-Europol f'Diċembru tal-2012 ġab flimkien speċjalisti kontra t-terroriżmu mill-Indja u mill-UE. L-għan tiegħu kien li jippromwovi l-kooperazzjoni ġudizzjarja billi jiddefinixxi l-interessi komuni u li jirrifletti fuq l-istandards.

Il-politika kontra t-terroriżmu Ewropea hija bbażata fuq il-prevenzjoni. In-**Netwerk tal-UE dwar is-Sensibilizzazzjoni kontra r-Radikalizzazzjoni** (RAN) twaqqaf biex jgħaqqad l-atturi involuti fil-prattika fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti madwar l-Ewropa kollha (professjonisti fkuntatt man-nies, esperti fil-qasam, ħaddiema soċjali,

¹¹ B'kolloxx 32 każ relatat mat-terroriżmu ġew reġistrati mal-Eurojust fl-2012, inklużi każijiet li jikkonċernaw l-iffinanzjar tat-terroriżmu.

akkademiċi, NGOs, eċċ.). L-RAN, li għandu tmien gruppi tematiċi, joffri opportunità unika biex jinqasmu l-esperjenza u r-riżultati. Ir-riżultati tal-ħidmet tal-RAN s'issa ġew irrappurtati wkoll lura lil dawk li jfasslu l-politika u ġew diskussi f'Konferenza ta' Livell Għoli fi tmien Jannar 2013.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-RAN, u b'mod partikolari dawk ipprovduti mill-grupp ta' ħidma dwar ġellieda barranin, se jikkontribwixxu wkoll għall-isforzi tal-UE biex issaħħaħ **is-sinerġiji bejn il-politiki ta' sigurtà interna u esterna**.

Il-programm ISEC jappoġġja proġetti li jindirizzaw il-kwistjoni tar-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti b'mod partikolari permezz ta' taħriġ aħjar u sensibilizzazzjoni għall-professionisti, dizingaġġ u deradikalizzazzjoni, żieda fil-kapaċità għar-reazzjoni taċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili, it-tixrid tat-testimonjanzi tal-vittmi tat-terroriżmu u li jirribattu l-propaganda terroristika. Dawn il-proġetti qegħdin jiġu mwettqa minn organizzazzjonijiet parteċipanti minn fost l-oħrajn il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u r-Renju Unit.

Bħala eżempju ieħor ta' sforzi ta' prevenzjoni tat-terroriżmu, l-UE, permezz tar-**Regolament dwar l-użu u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prekursuri tal-isplussivi**¹², stabbilixxiet l-aktar sistema avvanzata fuq skala globali biex tipprevjeni l-aċċess għal prekursori għall-isplussivi li jistgħu jintużaw mit-terroristi.

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, bħalissa qed taħdem fuq proposti ġodda dwar is-**Sigurtà Kimika, Bijoloġika, Radjoloġika, Nukleari u tal-Isplussivi (CBRN-E)** fil-livell tal-UE. L-enfasi hija fuq l-aktar azzjonijiet pertinenti li għandhom jiġu implimentati fis-snin li ġejjin, u fuq il-ksib ta' sinerġiji mix-xogħol li sar fl-oqsma tas-CBRN-E, inkluż id-detezzjoni, ibbażati fuq żewġ rapporti ta' progress ippubblikat fl-2012.

Il-Kummissjoni bdiet analiżi tad-Direttiva tal-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika¹³, bil-ħsieb li ttipponi approċċ ġdid fl-ewwel nofs tal-2013. L-għan huwa li jiġi żgurat li servizzi vitali għas-soċjetà jibqgħu operazzjonali. Telf jew ħsara ta' infrastruttura kritika jistgħu jkollhom konsegwenzi serji għas-soċjetà.

Il-proġett Poseidon, kofinanzjat mill-Programm għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika, identifika theddid u vulnerabbiltajiet kemm fl-infrastrutturi kritiċi kif ukoll fil-mekkaniżmi ta' teħid ta' deċiżjonijiet biex titjeb is-sigurtà fit-traffiku transfruntier tal-passiġġieri fir-reġjun tal-Baħar Baltiku. Ir-riżultati jinsabu fl-istudju pilota (Il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu f'Reġjuni Marittimi — Analiżi tal-Każ tal-Proġett Poseidon) u dawn jikkonċernaw, pereżempju, strateġiji kontra t-terroriżmu fir-rigward tat-traffiku b'mezz ta' trasport fuq l-ilma.

Konnessjonijiet integrali bejn modi differenti ta' trasport jeħtieġu strateġija robusta kontra t-terroriżmu li tħares l-istabilità tal-kummerċ u żżomm il-fiduċja fis-sigurtà u s-sikurezza tan-network tat-trasport. Fl-2012 il-Kummissjoni ħarġet dokument dwar is-sigurtà tat-trasport¹⁴, b'enfasi fuq għadd ta' oqsma ta' importanza kruċjali għall-mitigazzjoni effettiva tat-theddid terroristiku. Fost affarijiet oħra, id-dokument jissuġġerixxi l-ħolqien ta' qafas ġenerali tas-sigurtà għall-operaturi tat-trasport, bħal programmi ta' sigurtà, taħriġ u eżerċizzji dwar sensibilizzazzjoni tas-sigurtà u pjanar dwar kontinġenza u rkupru.

Rigward is-sigurtà tal-avjazzjoni, l-iżviluppi huma bażati fuq it-theddid, u t-teknoloġija tad-detezzjoni jeħtieġ li tinżamm aġġornata mal-innovazzjoni kontinwa murija mill-gruppi terroristiċi. It-twaqqif ta' sistema tal-UE ta' ċertifikazzjoni armonizzata għal tagħmir tal-

¹² 2010/0246 (COD).

¹³ Direttiva Nru 2008/114/KE dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom.

¹⁴ SWD(2012) 143 finali.

iskrinjar fl-ajruporti qed tiġi finalizzata, u koordinazzjoni internazzjonali tinsab għaddejja bħalissa biex tissimplifika x-xogħol xjentifiku. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qegħdin jappoġġjaw b'mod attiv provi ta' teknoloġija innovattiva li ttejjeb id-detezzjoni ta' theddidiet differenti (pereżempju fil-merkanzija, fil-bagalji u fuq il-persuni).

Minbarra bosta attivitajiet ta' riċerka dwar l-ittestjar ta' teknoloġiji innovattivi, il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, nediet attivitajiet ta' detezzjoni proattiva b'numru ta' **provi operazzjonali**, kemm matul il-Kampjonati tal-Futbol Euro 2012 kif ukoll f'żoni ta' trażitu tal-massa u sigurtà ta' bini pubbliku biex tiżviluppa l-aktar mudelli tas-sigurtà effettivi.

Pereżempju, il-Kummissjoni qed timplimenta l-ITRAP (Programm ta' Valutazzjoni għat-Traffikar Illeċitu tar-Radjazzjoni) bil-għan li tingħata valutazzjoni indipendenti tat-tagħmir disponibbli fis-suq għad-detezzjoni tar-radjazzjoni użat għad-detezzjoni u l-identifikazzjoni ta' materjali nukleari u radjuattivi.

It-taħriġ huwa l-qofol ta' implimentazzjoni effettiva ta' sistemi ta' sigurtà. Eżempju ta' azzjoni konkreta appoġġjata mill-Kummissjoni f'dan il-qasam hu t-twaqqif taċ-Ċentru Ewropew ta' Taħriġ fis-Sigurtà (EUSECTRA) li l-għan tiegħu huwa li jiżviluppa programm ta' taħriġ fis-sigurtà applikabbli għall-komunità tal-infurzar tal-liġi.

ATLAS, netwerk tal-UE ta' forzi ta' intervent kontra t-terroriżmu stabbilit u ffinanzjat mill-Kummissjoni permezz tal-programm ISEC mill-2008, itejjeb il-kooperazzjoni bejn l-unitajiet ta' intervent speċjali fl-UE u jappoġġja l-funzjonament tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' kriżi (pereżempju attakk terroristiku jew teħid ta' ostaġġi) meta Stat Membru jkun jeħtieġ l-għajjnuna. Hu jistabbilixxi wkoll pjattaformi komuni għal taħriġ, kondivizzjoni ta' tagħmir, u kooperazzjoni mill-qrib f'żoni fuq il-fruntieri tal-Istati Membri.

It-triq' il quddiem fl-2013

Il-Kummissjoni se:

- taġġorna l-istrateġija tal-UE biex tissielet kontra l-estremiżmu vjolenti billi tiżviluppa “għodda” Ewropea bbażata fuq l-aħjar Prattiki fl-Istati Membri;
- tipproponi azzjonijiet fuq CBRN-E;
- tiżviluppa għodod biex titejjeb id-detezzjoni ta' theddid terroristiku fl-oqsma kollha, inkluż standards għas-sigurtà tal-avjazzjoni;
- tipproponi approċċ ġdid dwar il-ħarsien tal-Infrastruttura Kritika Ewropea.

L-Istati Membri huma inkoraġġuti biex:

- iżidu l-isforzi biex jipprevjenu u jiġġieldu l-estremiżmu vjolenti;
- jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-sigurtà tal-merkanzija bl-ajru;
- iwaqqfu l-istrutturi amministrattivi meħtieġa biex jimplimentaw ir-Regolament dwar il-prekursuri tal-isplussivi.

2.3. Obiettiv strateġiku 3: Ngħollu l-livelli tas-sigurtà għaċ-ċittadini u n-negozji onlajn

Varjetà ta' attivitajiet li jirrigwardaw il-frodi fuq l-internet qed isiru iktar prominenti, inklużi t-tranżazzjonijiet illeċiti fuq l-internet, persuni li jgħorru l-flus għall-ħasil tal-flus u websajts

foloz. F'dawn l-aħħar sentejn kien hemm ukoll żieda fl-għadd ta' hackings u attivitajiet illegali mmexxija mill-internet.

Il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità mhix biss dwar tnaqqis fil-kriminalità fl-ambjent ta' fuq l-internet, iżda tinkludi wkoll l-iżgurar ta' spazju ċibernetiku sikur li fih tista' tiffjorixxi l-attività ekonomika u soċjali. Din tibqa' prijorità għall-Kummissjoni u l-Istati Membri u hija segwita wkoll permezz tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa. Huwa importanti li jinġabru flimkien ir-riżorsi fil-livell tal-UE għal prevenzjoni aħjar u għal kapaċità ta' rispons aktar b'saħħha. Ittieħdu miżuri sinifikanti kemm fil-livell strateġiku kif ukoll fil-livell operazzjonali.

L-Istrateġija tas-Sigurtà Ċibernetika għall-Unjoni Ewropea, adottata fi Frar 2013¹⁵, tistabbilixxi viżjoni komprensiva u tippreżenta l-azzjonijiet meħtieġa, ibbażati fuq protezzjoni qawwija u promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini, sabiex l-UE ssir l-ambjent onlajn l-aktar sikur fid-dinja. L-istrateġija għandha l-għan li ssaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà tan-networks u l-informazzjoni; tnaqqas drastikament il-kriminalità ċibernetika; tiżviluppata politika tal-UE għad-difiża ċibernetika; trawwem ir-riżorsi industrijali u teknoloġiċi għas-sigurtà ċibernetika; tippromwovi r-Riċerka u l-Iżvilupp (R&D); u ttejjeb il-politika tal-ispazju ċibernetiku internazzjonali tal-UE.

L-istrateġija tenfasizza l-ħtieġa għal tisħiħ fil-kooperazzjoni u fl-iskambju tal-informazzjoni bejn l-atturi rilevanti biex jipprovdu detezzjoni bikrija u reazzjoni aktar ikkoordinata. L-għanijiet tal-istrateġija jirrinforzaw lil xulxin. Pereżempju, l-għan ta' reżiljenza u s-sigurtà tan-network u l-informazzjoni jinkludi azzjonijiet immirati lejn it-tisħiħ tas-sħubijiet pubbliċi privati u lejn it-twaqqif ta' Skwadri ta' Rispons f'Emerġenza Relatata mal-Kompjuters Nazzjonali (CERTs). Dan, min-naħa tiegħu, ser jappoġġja l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità.

Dawn l-għanijiet ġew enfasizzati fi proposta għal **Direttiva dwar is-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni**¹⁶ li takkumpanja l-Istrateġija. L-għan ewlieni tal-proposta huwa li tiżgura l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Il-proposta għandha l-għan li żżid it-tħejjija nazzjonali, issaħħaħ il-kooperazzjoni fuq livell tal-UE u tiżgura li l-operaturi ta' servizzi u l-infrastruttura essenzjali jwettqu ġestjoni tar-riskju xierqa u jirrappurtaw l-inċidenti serji lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Pass importanti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika kien il-ħolqien ta' **Ċentru Ewropew tal-Kriminalità Ċibernetika (EC3) fil-Europol** fil-bidu tal-2013. Iċ-Ċentru, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Eurojust, se jagħti spinta lill-kapaċità tal-UE biex tikkonfronta t-theddid kumpless u li qiegħed dejjem jikber tal-kriminalità ċibernetika u jsir il-punt fokali għal kwistjonijiet relatati mal-kriminalità ċibernetika. Huwa se jipprovdi kapaċità ta' appoġġ operazzjonali aħjar fil-livell tal-UE għal kriminalità ċibernetika transfruntiera, valutazzjonijiet strateġiċi u tat-theddid speċjalizzati, u iktar taħriġ immirat u R&D li jirriżulta fl-iżvilupp ta' għodod speċjalizzati għall-indirizzar tal-kriminalità ċibernetika. Iċ-Ċentru ser jiżviluppa wkoll il-kooperazzjoni mal-partijiet interessati kollha, inklużi dawk li mhumx parti mill-komunità tal-infurzar tal-liġi. Minħabba n-natura inerenti transfruntiera tal-fenomeni u l-ħtieġa għal kooperazzjoni internazzjonali, l-EC3 ser ikun kapaċi jinvolvi l-komunità tal-infurzar tal-liġi tal-UE ma' atturi internazzjonali oħra bħall-Interpol, u jibbenefika mill-isforzi ta' atturi oħra bħalma huma l-industrija tal-ICT jew il-Korporazzjoni tal-Internet għal Ismijiet u Numri Assenjati (ICANN).

L-EC3 ser ikun jista' jesprimi t-tħassib u jagħmel suġġerimenti, permezz tal-Kummissjoni, dwar kwistjonijiet marbuta mal-governanza tal-Internet. L-EC3 se jaħdem ukoll flimkien mal-

¹⁵ JOIN(2013) 1 finali.

¹⁶ COM(2013) 48 finali.

Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netzwerks u l-Infommazzjoni (ENISA), li tiġbor u tiġġenera analiżi tas-sigurtà tan-netzwerks u l-infommazzjoni, jappoġġja lill-Istati Membri biex jiżviluppaw strateġiji ta' rapporti armonizzati dwar ksur, fil-bini tal-kapaċitajiet CERT u biex jissensibilizza lill-utenti aħħarin. It-tiġdid previst tal-mandat tal-ENISA se jaħseb għall-appoġġ tagħha lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni wkoll fis-snin li ġejjin.

Eżempju ieħor ta' inizjattivi strateġiċi meħuda fl-2012 kien l-inizjattiva bejn l-UE u l-Istati Uniti biex titnieda l-**Alleanza Globali kontra l-Abbuż Sesswali tat-Tfal fuq l-Internet**. L-Alleanza — li kienet tinkludi 48 pajjiż madwar id-dinja fit-tneġġja tagħha — se tgħin biex trawwem kooperazzjoni globali fil-ġlieda kontra l-pornografija tat-tfal fuq l-internet. Billi tgħaqqad il-pajjiżi wara sett ta' miri u għanijiet, huwa mistenni li tirriżulta f'li jiġu identifikati u salvati iktar tfal vittmi, li jkun hemm aktar prosekuzzjoni effettiva ta' dawk li jikkommettu r-reati, prevenzjoni aħjar ta' reati u tnaqqis fid-disponibbiltà ta' immaġini ta' abbuż sesswali tat-tfal onlajn. L-istrateġija Ewropea għal Internet aħjar għat-tfal¹⁷ issa hħah il-miżuri preventivi saħansitra aktar billi tistabbilixxi azzjonijiet ta' sikurezza tat-tfal mibnija fuq il-prinċipju ta' għoti ta' setgħa u protezzjoni, u b'hekk tinkoraġġixxi lit-tfal jagħmlu użu responsabbli tal-internet.

Il-proposta għal **Direttiva dwar l-attakki kontra s-sistemi ta' infommazzjoni**¹⁸, li issa qed tiġi neġożjata bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, għandha l-għan biex tqarreb il-leġiżlazzjoni kriminali fl-Istati Membri fil-qasam ta' ċiberkriminalità u tintroduċi definizzjonijiet u s-sanzjonijiet għall-aċċess illegali għal sistemi tal-infommazzjoni, l-interferenza illegali fis-sistema u d-dejta u l-interċettazzjoni illegali. Barra minn hekk, il-proposta tippenalizza l-produzzjoni, il-bejgħ, il-kisba għall-użu, l-importazzjoni u d-distribuzzjoni ta' għodod użati għat-twettiq ta' dawn ir-reati. Huma biss sitt Stati Membri tal-UE li għad iridu jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità.

Barra minn hekk, iċ-ċiberkriminalità hija waħda mit-tmien oqsma ta' kooperazzjoni operazzjonali fiċ-ċiklu politiku tal-UE dwar il-kriminalità internazzjonali organizzata u serja. Azzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri taħt it-tmexxija tar-Rumanija jinkludi l-istabbiliment ta' sistemi ta' rappurtar nazzjonali f'kull Stat Membru dwar ksur tad-dejta/inċidenti ċibernetiċi/reati ċibernetiċi għal entitajiet legali u ċittadini, it-tisħiħ tal-governanza tal-internet sabiex l-utenti fl-ispazju ċibernetiku jkunu jistgħu jiġu identifikati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri għal raġunijiet leġittimi tal-infurzar tal-liġi, u l-mitigazzjoni ta' għodod (botnets) li jiffaċilitaw attakki ċibernetiċi fuq skala kbira.

Il-programm ISEC jipprovdi kofinanzjament sabiex jgħin lill-Istati Membri jibnu l-kapaċità tagħhom biex jitrattaw iċ-ċiberkriminalità u jippromwovu l-kooperazzjoni pubblika privata u transfruntiera. Proġetti ta' suċċess riċenti jinvolvu t-twaqqif ta' netwerk ta' ċentri nazzjonali ta' eċċellenza biex jippromwovu inizjattivi ta' kooperazzjoni bejn ir-riċerka, l-akkademiċi u l-professjonisti tal-infurzar tal-liġi li jirriżultaw f'għodod tanġibbli għall-fehim, id-detezzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika. Bħalissa hemm total ta' tmien ċentri bħal dawn li jirċievu fondi mill-Kummissjoni. Sal-lum, il-Kummissjoni kkontribwixxiet kważi EUR 5 miljuni għall-bini ta' kapaċitajiet ta' riċerka u għat-taħriġ fiċ-ċiberkriminalità fl-Istati Membri.

It-triq' il quddiem fl-2013

Il-Kummissjoni se:

¹⁷ COM(2012) 196.

¹⁸ COM(2010) 517 finali.

- tiżgura li ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) fil-Europol jieħdu passi importanti lejn li jsir operattiv bis-sħiħ;
- timplimenta l-Istrateġija tas-Sigurtà Ċibernetika tal-UE għall-Unjoni Ewropea;
- tappoġġa l-adozzjoni tad-Direttiva proposta li tistabbilixxi miżuri sabiex tiżgura livell komuni għoli tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-UE u ssegwi l-mandat il-ġdid tal-ENISA;
- tkompli tappoġġja, tiżviluppa u tkabbar l-Alleanza Globali kontra l-Abbuż Sesswali tat-Tfal fuq l-Internet.

L-Istati Membri huma inkoraġġuti biex:

- jaħdmu mill-qrib maċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3);
- jaħdmu mill-qrib mal-Eurojust u l-ENISA;
- jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali dwar iċ-Ċiberkriminalità fi ħdan iċ-ċiklu tal-politika;
- isegwu l-miri ta' politika kondiviżi tal-Alleanza Globali kontra l-Abbuż Sesswali tat-tfal fuq l-Internet, u jieħdu azzjonijiet speċifiċi sabiex jiksuhom;
- jappoġġjaw ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Budapest tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità.

2.4. Objettiv strateġiku 4: It-tisħiħ tas-sigurtà permezz ta' mmaniġġjar tal-fruntieri

F'Diċembru 2011, il-Kummissjoni ppreżentat proposta leġislattiva għal **Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosir)**. L-adozzjoni tagħha hija prevista fl-2013 u se tipprovdi lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-UE b'qafas komuni għal skambju ta' informazzjoni fi kważi ħin reali u koperazzjoni bejn l-aġenziji fuq livell nazzjonali u Ewropej għall-fini tal-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-kriminalità transfruntiera. L-Eurosir se tikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-protezzjoni u biex jiġu salvati l-ħajjiet tal-migranti.

Iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni għas-sorveljanza tal-fruntieri li jinvolvu għadd ta' awtoritajiet nazzjonali, bħal gwardji tal-fruntieri, il-pulizija, il-gwardji kostali u n-navy, ġew stabbiliti minn 18-il pajjiż ta' Schengen li jinsabu fuq il-fruntieri esterni tan-Nofsinhar u tal-Lvant li huma l-ewwel li ssieħbu fil-Eurosir. Dawn it-18-il ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni ġew konnessi mill-Frontex man-netwerk tal-Eurosir fuq bażi ta' proġett pilota.

Fil-qafas tal-Eurosir, il-Fond għall-Fruntieri Esterni (EBF) iffinanzja sistemi importanti ta' sorveljanza reġjonali, li jippermettu kontroll aħjar tal-fruntieri esterni taż-żona ta' Schengen. Ingħataw kontribuzzjonijiet EBF lis-Sistema Spanjola ta' sorveljanza integrata SIVE (Sistema Integrado de Vigilancia Exterior), li ffokat b'mod partikolari fuq l-istrett ta' Ġibiltà, il-Gżejjer Kanari u Baleariċi u l-kosta tan-Nofsinhar tal-Mediterran. L-EBF ta wkoll kontribuzzjoni sinifikanti lis-sistema ta' sorveljanza tal-kosta Franċiża.

Bl-għan doppju tat-tisħiħ tas-sigurtà fil-fruntieri u l-iffaċilitar tal-ivvjaġġar u l-aċċess għal persuni li mhumiex ċittadini tal-UE, il-Kummissjoni adottat kmieni fl-2013 żewġ proposti leġislattivi għal **Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)** u **Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati (RTP)**, l-hekk imsejjaħ il-Pakkett ta' Fruntieri Intelliġenti.

Wara ħafna snin ta' żvilupp u ttestjar, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II (is-SISII) se tkun operattiva bis-sħiħ u se ttiprovdi mezzi addizzjonali tal-ġestjoni tal-fruntieri. B'mod parallel, l-ikkompletar tat-tnedija madwar id-dinja tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (il-VIS) se tkompli ssaħħaħ is-sigurtà.

Il-Kummissjoni qed tgħin lill-Greċja fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' azzjoni dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni li jinkludi wkoll komponent ta' ġestjoni tal-fruntiera, sabiex titjieb il-kapaċità tal-Greċja biex tikkontrolla aħjar il-fruntieri esterni tagħha, b'mod partikolari l-fruntiera esterna mat-Turkija.

Fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri tad-dwana, ix-xogħol fuq l-implimentazzjoni ta' ġestjoni komuni ta' riskju tkompla u l-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar il-Ġestjoni tar-Riskju u s-sigurtà tal-katina tal-provvista¹⁹. L-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li trawwem id-dibattitu mal-istituzzjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet sabiex jiġu żgurati l-kundizzjonijiet biex kollettivament tittejjeb is-sitwazzjoni attwali. Barra minn hekk, u wara li tkompla x-xogħol fuq il-Pjan ta' sigurtà ta' Livell Għoli dwar il-Merkanzija tal-Ajru mal-awtoritajiet tat-trasport u l-kummerċjanti sabiex jiġi żgurat it-titjib fil-kwalità tad-dejta li diġà qed tasal mid-dwana.

Il-**Frontex** appoġġja s-sigurtà permezz ta' diversi attivitajiet ffaċilitati mill-mandat imsaħħaħ tiegħu. B'mod partikolari, b'kooperazzjoni mill-qrib ma' servizzi ta' ġestjoni tal-fruntiera tal-Istati Membri, kompla żviluppa n-Netwerk tal-Frontex għall-Analiżi tar-Riskju u provda analiżi tar-riskju regolari u ad hoc f'relazzjoni mal-migrazzjoni irregolari fil-fruntieri esterni tal-UE. Operazzjonijiet konġunti twettqu fil-punti ewlenin kritiċi kollha tal-fruntieri esterni. Frontex fittex kooperazzjoni operazzjonali ma' aġenziji oħra rilevanti tal-UE, bħall-Europol, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali. Il-Frontex assista wkoll lill-Istati Membri biex jorganizzaw operazzjonijiet konġunti ta' ritorn f'konformità mal-politika tar-ritorn tal-UE.

Wara l-kooperazzjoni b'suċċess f'Operazzjoni Konġunta koordinata mill-Frontex INDALO fl-2011 u l-2012, li tindirizza l-migrazzjoni irregolari u l-kuntrabandu tad-drogi, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Frontex, il-Europol, is-Centre de Coordination pour la Lutte Antidrogue en Méditerranée (CeCLAD-M) u ċ-Ċentru ta' Operazzjoni u Analiżi Marittimu tan-Narkotiċi (MAOC-N) biex jifformalizzaw il-kooperazzjoni tagħhom skont ir-Regolament propost tal-Eurosur.

Barra minn hekk, wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament emendat tal-Frontex, fi tmiem l-2011, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Frontex u l-Europol biex jiffinalizzaw l-arranġamenti meħtieġa sabiex jippermettu t-trasferiment mill-Frontex lill-Europol tad-dejta personali relatata ma' attivitajiet kriminali transfruntieri li jiffaċilitaw il-migrazzjoni irregolari jew it-traffikar tal-bnedmin.

Fl-2012, sar progress importanti fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali ġodda tar-Regolament Frontex rivedut. Il-Forum tad-Drittijiet Fundamentali ġie stabbilit u ddikjara x-xogħol tiegħu, u ġie maħtur Uffiċjal tad-Drittijiet Fundamentali.

L-isforzi biex titjieb il-kooperazzjoni bejn il-gwardjani tal-fruntieri u d-dwana baqgħu oqsma importanti ta' attività fl-2012. L-għan huwa li jiġi ffaċilitat il-kummerċ u l-ivjaġġar u li tittejjeb is-sigurtà tal-UE permezz ta', inter alia, kontrolli sinkronizzati, l-iskambju tal-informazzjoni, it-taħriġ, l-analiżi tar-riskju konġunt u operazzjonijiet konġunti. Soluzzjonijiet avvanzati diġà jeżistu f'xi Stati Membri u jservu bħala l-aħjar prattika. Il-Finlandja, pereżempju, waqqfet unitajiet ta' analiżi, investigazzjoni u intelligence tal-pulizija, dwana u gwardji tal-fruntieri li wasslu għal iktar effettività fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja.

¹⁹ COM(2012) 793 finali.

Il-Fond għall-Fruntieri Ewropej appoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiġġieldu kontra l-użu ta' dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar foloz u ffalsifikati, b'mod partikolari għax-xiri ta' tagħmir speċifiku użat mill-gwardji tal-fruntiera u f'uffiċċji konsulari biex tkun ivverifikata l-awtentiċità tad-dokumenti. L-EBF ikkontribwixxa wkoll għall-iżvilupp ta' FADO (Dokumenti Foloz u Awtentiċi Onlajn), għodda bażata fuq l-internet biex tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar is-sejba ta' frodi tad-dokumentali.

It-triq 'il quddiem fl-2013

Il-Kummissjoni se:

- tappoġġja t-tnedija tal-Eurosur mill-1 ta' Ottubru 2013;
- tiżgura li s-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen II (SIS II) issir kompletament operattiva matul ir-rebbiegħa.

L-Istati Membri huma inkoraġġuti biex:

- jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kollha responsabbli mis-sorveljanza tal-fruntieri jikkooperaw permezz taċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni;
- jagħmlu progress mgħaġġel fin-negozjati tal-proposti dwar is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u l-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati (RTP);
- jaqblu dwar rakkomandazzjonijiet komuni u l-aħjar prattiki fil-kooperazzjoni bejn id-dwana u l-gwardji tal-fruntieri biex ikun garantit l-istess livell ta' sigurtà u servizz fil-fruntieri esterni kollha tal-UE u biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-verifiki;
- jiddiskutu u jaqblu dwar rakkomandazzjonijiet komuni biex tittejjeb il-Ġestjoni tar-Riskju Doganali u s-sigurtà tal-katina tal-provvista;
- jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali dwar l-immigrazzjoni irregolari fi ħdan iċ-ċiklu tal-politika;

L-aġenziji għandhom:

- jintensifikaw aktar il-kooperazzjoni tagħhom sabiex jiskopru u jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari u l-kriminalità transfruntiera fil-fruntieri esterni (Frontex, Europol, MAOC-N u CeCLAD-M);
- jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jippermettu t-trasferiment ta' dejta personali lill-Europol skont ir-Regolament emendat tal-Frontex (il-Frontex u l-Europol).

2.5. Objettiv strateġiku 5: Iż-żieda tar-reżiljenza tal-Ewropa għall-kriżijiet u d-diżastri

Fil-qasam kemm tar-riskji naturali kif ukoll dawk ikkawżati mill-bniedem, l-UE saħħet il-kapaċità tagħha ta' ġestjoni tar-riskji sabiex talloka r-riżorsi b'mod iktar effiċjenti, u saħħaħ il-kapaċità tal-UE ta' prevenzjoni u tħejjija.

Il-proposta għall-arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-klawżola ta' solidarjetà (l-Artikolu 222 tat-TFUE) se ttipprovi qafas ġenerali għal sitwazzjonijiet ta' theddid straordinarju jew ħsara li hija akbar mill-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-Istat(i) Membru(i) affettwat(i). Proposta konġunta mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni

għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għall-arranġamenti biex tiġi implimentata l-klawżola tas-solidarjetà ġiet adottata f'Diċembru 2012²⁰.

Jeħtieġ li tiġi stabbilita u applikata metodoloġija għall-valutazzjoni tar-riskju robusta sabiex tiżgura li r-riskji tas-sigurtà jiġu mmaniġġjati b'mod effettiv. L-UE qiegħda tiżviluppa approċċ metodoloġiku kondiviż biex jiġu vvalutati dawn ir-riskji għas-sigurtà. Sar xogħol sinifikanti fil-qasam tal-valutazzjoni tar-riskji marbuta ma' theddid malizzjuż intenzjonali, mhux l-inqas fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni (merkanzija bl-ajru, il-projbizzjoni fuq il-likwidi). F'Diċembru 2012 il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex testendi dan l-approċċ metodoloġiku għas-sigurtà tal-avjazzjoni b'mod sħiħ.

Fir-rigward tal-bini ta' reżiljenza għal diżastri naturali u daww ikkawżati mill-bniedem, numru ta' azzjonijiet ġew imwettqa biex jimplimentaw il-qafas politika tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri²¹. L-Istati Membri kisbu grad differenti ta' progress fit-twettiq tal-valutazzjonijiet ta' riskju nazzjonali konformi mal-Linji gwida tal-Kummissjoni tal-2010²². Sal-lum, il-Kummissjoni rċeviet kontribuzzjonijiet minn 12-il pajjiż li pparteċipaw fil-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili tal-UE (ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, l-Olanda, in-Norveġja, il-Polonja, is-Slovenja, l-Isvezja u r-Renju Unit) b'livelli differenti ta' dettall ta' analiżi nazzjonali tar-riskju li jenfasizza l-ħtieġa għal aktar dejta robusta tad-diżastri u għall-approċċi tal-ġestjoni tar-riskju komparattivi. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni bħalissa qed tħejji l-ewwel ħarsa ġenerali transsettorjali tar-riskji naturali u daww ikkawżati mill-bniedem li l-Unjoni ser tiffaċċja fil-futur, mistennija fl-2013. Din tista' tkun segwita fl-2014 b'aktar xogħol estensiv li jintegra aktar fil-fond ir-riskji għas-sigurtà.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Mekkaniżmu ġdid tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni²³ iġġib il-prevenzjoni aktar fuq l-istess livell ma' azzjonijiet ta' tħejjija u reazzjoni oħra li jinkludu dispożizzjonijiet biex tiġi żviluppata aktar il-valutazzjoni tar-riskju fil-politika tal-protezzjoni ċivili.

Il-Kummissjoni b'mod konsistenti promoviet ukoll l-użu ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari bħala mod effettiv ta' kif tista' tinqasam l-esperjenza u titjieb il-governanza u tfassil tal-politika fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju tad-diżastri. Fl-2012, ir-Renju Unit kien l-ewwel pajjiż li vvolontarja biex iwettaq tali evalwazzjoni bejn il-pari 'pilota' li saret minn tliet "pari" (mill-Italja, il-Finlandja u l-Isvezja) bl-appoġġ u l-faċilitazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-UNISDR u l-OECD. Rapport bis-sejbiet huwa mistenni fir-rebbiegħa tal-2013, inklużi Prattiki tajba, oqsma għal titjib u rakkomandazzjonijiet dwar kif jista' jinkiseb aktar progress. Ir-riżultati se jintużaw ukoll fil-ħidma li għaddejja mill-Kummissjoni biex tiżviluppa gwida għall-prevenzjoni tad-diżastri bbażata fuq Prattika tajba.

Il-Kummissjoni ser tvara fl-2013 iċ-Ċentru għal Rispons ta' Emerġenza, abbażi taċ-Ċentru eżistenti ta' Monitoraġġ u Informazzjoni (DG ECHO), li ser ikompli jsaħħaħ il-kapaċità tal-UE biex tirreaġixxi għad-diżastri.

Twettqet ħidma sostanzjali biex ikunu razzjonalizzati aħjar u msaħħa s-sinerġiji bejn il-kapaċitajiet differenti tal-UE tal-immaniġġar tal-kriżijiet. Strateġija aktar integrata u effettiva

²⁰ JOIN(2012) 39 finali.

²¹ Stabbilit fil-Komunikazzjoni 'Approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u daww ikkawżati mill-bniedem, COM (2009) 82 finali.

²² SEC(2010) 1626 finali, disponibbli fis-sit:
http://ec.europa.eu/echo/civil_protection/civil/pdffdocs/prevention/COMM_PDF_SEC_2010_1626_F_staff_working_document_en.pdf

²³ COM(2011) 934 finali.

huwa l-għan tal-UE għall-proċeduri ta' Arranġament ta' Koordinazzjoni tal-Kriżijiet tal-UE rivedut kif ukoll l-istabbiliment ta' kapaċità integrata ta' sensibilizzazzjoni u analiżi.

Fl-2012 saru diversi azzjonijiet importanti biex jissaħħa in-networking ta' ċentri multisettorjali u speċifiċi għas-settur fil-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti. Dawn jinkludu l-konklużjoni ta' ftehimiet dwar kooperazzjoni fl-immaniġġar tar-riskji u l-kriżijiet u l-istabbiliment ta' mezzi ta' komunikazzjoni ġodda bi prestazzjoni għolja u b'mezzi reżiljenti. It-twaqqif fl-2012 ta' Ċentru ta' Analiżi Strateġika u ta' Rispons tal-Kummissjoni f'DĠ HOME ippermetta biex jiġu stabbiliti valutazzjoni tar-riskju tas-sigurtà u metodoloġiji u prattiċi tal-ġestjoni ġodda li għandhom iġibu flimkien l-għarfien espert ta' dipartimenti tal-Kummissjoni rilevanti u komunitajiet esperti, eż. fl-oqsma tat-trasport u l-enerġija, u jibbażaw fuq il-valutazzjonijiet ta' theddid miċ-Ċentru tal-Intelligence tal-UE, l-aġenziji tal-UE u s-servizzi tal-Istati Membri.

It-titjib fil-ġestjoni tar-riskju u l-kapaċità tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE jeħtieġu l-kapaċità għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata. Minn dan il-lat, l-istabbiliment ta' qafas legali li jippermetti lill-aġenziji tal-UE biex jiskambjaw informazzjoni klassifikata jirrappreżenta pass importanti 'l quddiem.

It-triq 'il quddiem fl-2013

Il-Kummissjoni se:

- tappoġġja l-isforzi biex ittejjeb il-metodoloġiji għall-evalwazzjoni tar-riskji u l-iskambju u t-trasferiment tal-esperjenza bejn l-Istati Membri tal-UE kif ukoll ma' pajjiżi li mhumiex membri dwar il-ġestjoni tar-riskju ta' attivitajiet relatati;
- tipproduċi l-ewwel ħarsa ġenerali transsettorjali tal-UE tar-riskji naturali u daww ikkawżati mill-bniedem;
- tipproduċi gwida dwar il-prevenzjoni tad-diżastri fuq il-bażi ta' prattiċi tajbin;
- tkompli trawwem il-kapaċità tal-UE biex twettaq il-valutazzjoni tar-riskji fil-qasam tas-sigurtà.

L-Istati Membri huma inkoraġġuti biex:

- jiffinalizzaw u jaġġornaw regolarment il-valutazzjonijiet nazzjonali tar-riskju u jieħdu inizjattivi biex itejbu il-fehim ta' diżastru u r-riskju tas-sigurtà, biex jippromwovu l-ippjanar għall-immaniġġjar tar-riskju, u investimenti fl-infrastruttura appoġġjati mill-UE reżistenti għad-diżastri u jivvolontarjaw li jwettqu reviżjonijiet bejn il-pari tal-politiki tal-ġestjoni tar-riskju nazzjonali tagħhom;
- jadottaw il-proposta għall-arranġamenti ta' implimentazzjoni tal-klawsola ta' solidarjetà.

3. SIMPLIFIKAR U RAZZJONALIZZAZZJONI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKI TA' SIGURTÀ

Il-politika tas-sigurtà interna hija bbażata fuq aġenda kondiviża li tinvolvi l-atturi kollha: Istituzzjonijiet tal-UE, Stati Membri u Aġenziji tal-UE. Fl-2012, il-Parlament Ewropew ħareġ

l-ewwel opinjoni tiegħu dwar l-Istrateġija għas-Sigurtà Interna, li tapprova b'mod ġenerali l-ħames għanijiet tal-Istrateġija²⁴.

Biex ikunu koperti t-theddiet għas-sigurtà interna fl-UE, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri ser tkun ta' valur kbir. Il-ġabra tar-riżorsi u s-simplifikazzjoni tal-azzjonijiet fil-livell tal-UE jistgħu jkunu aktar effikaċi u anqas għaljin milli kieku kulħadd jaġixxi separatament. L-aġenziji tal-UE għandhom rwol speċjali x'iwettqu f'dan ir-rigward.

3.1. Simplifikazzjoni tax-xogħol

Il-Kummissjoni f'Marzu 2013 ressqet proposta dwar ir-riforma tal-Europol u s-CEPOL, fejn proponiet l-amalgamazzjoni taż-żewġ aġenziji f'waħda, u Komunikazzjoni dwar Skema Ewropea ta' Taħriġ għall-Infurzar tal-Liġi (LETS).

L-għan globali fir-riforma tal-Europol kif ukoll tal-Eurojust huwa li tittejjeb l-effiċjenza u l-effettività operazzjonali tal-aġenziji fl-indirizzar tat-theddiet għas-sigurtà li jirriżulta mill-kriminalità serja u organizzata u t-terroriżmu. It-titjib tal-kapaċitajiet tal-Europol biex jidentifika t-theddiet u x-xejriet mill-kriminali se jsaħħaħ kemm ir-rispons tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri għan-netwerks kriminali u l-effetti ta' ħsara tagħhom fuq is-soċjetà u l-ekonomija, billi ttejjeb l-appoġġ li l-Europol jista' jipprovdi għall-Istati Membri, it-tisħiħ tal-koordinazzjoni u sinerġiji bejn operazzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri, u appoġġ aħjar taċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE dwar il-kriminalità serja u organizzata.

Is-CEPOL u l-Europol għandhom missjonijiet komplementari, fejn is-CEPOL jappoġġja l-iżvilupp għal kultura ta' kooperazzjoni tal-UE fl-infurzar tal-liġi permezz tat-taħriġ. L-**amalgamazzjoni proposta tas-CEPOL u l-Europol** tagħmel it-taħriġ aktar iffokat u konformi mal-ħtiġijiet reali għat-taħriġ, kif stabbilit fl-Iskema ta' **Taħriġ Ewropea għall-Infurzar tal-Liġi (LETS)**, li l-Kummissjoni adottat fl-istess ħin. Din tiġbor flimkien riżorsi finanzjarji u umani skarsi, li jippermettu lill-UE biex kumplessivament tipprovdi iktar korsijiet ta' taħriġ. Billi s-servizzi tal-Europol isiru aktar operattivi, u billi jiġi mmirat it-taħriġ lejn il-ħtiġijiet prijoritarji tal-UE, jistgħu jiġu liberati riżorsi fuq livell nazzjonali u diretti mill-ġdid kif meħtieġ.

Iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità huwa eżempju ieħor ta' simplifikar għall-fini li ċ-ċiberkriminalità tiġi indirizzata b'mod aktar effiċjenti. L-investigazzjonijiet ta' frodi onlajn, abbuż tat-tfal onlajn u reati oħra regolarment jinvolvu mijiet ta' vittmi f'daqqa, u persuni suspettati f'ħafna partijiet differenti tad-dinja. Operazzjonijiet fuq din l-iskala ma jistgħux jitwettqu b'suċċess mill-forzi tal-pulizija nazzjonali individwalment. L-ebda reat ma għandu natura daqstant transfruntiera daqs iċ-ċiberkriminalità, u dan jirrekjedi li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jadottaw approċċ koordinat u kollaborattiv lil hinn mill-fruntieri, flimkien ma' partijiet interessati kemm pubbliċi u kif ukoll privati bl-istess mod.

Is-simplifikar tal-arranġamenti ta' finanzjament huwa mezz li jiżgura użu iktar immirat tar-riżorsi. Fl-2012 il-Kummissjoni ħarġet proposti għall-Fond għas-Sigurtà Interna mal-perspettivi finanzjarji ġodda 2014-2020. Waħda mill-innovazzjonijiet proposti hija li tiġi applikata ġestjoni kondiviża għall-fondi kollha (preċedentement il-Fond tal-ISEC ma kienx inkluż), li jfisser li parti dejjem ikbar tar-riżorsi disponibbli se tkun immaniġġjata direttament mill-Istati Membri.

²⁴ Ir-rapport Borsellino, riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea (2010)2308 (INT)

3.2. L-iżgurar tal-konsistenza bejn id-dimensjoni interna u dik esterna

Minħabba li parti mit-theddid ġej minn barra l-konfini tal-UE, **il-kooperazzjoni msaħħa ma' atturi esterni tas-sigurtà, pajjiżi u organizzazzjonijiet mhux membri** hija kruċjali fit-twettiq b'suċċess tal-politika ta' sigurtà.

Bħala parti minn sforz usa' biex tiżdied il-konsistenza bejn id-dimensjonijiet interni u esterni tas-sigurtà, ix-xogħol ġie mmexxi 'l quddiem permezz tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PSC) u l-Kumitat Permanenti dwar is-Sigurtà Interna (COSI) biex jiġi implimentat il-pjan dwar it-tisħiħ tar-rabtiet bejn il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni u l-parteċipanti li jitrattaw il-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja, u biex jiġu żviluppati aktar is-sinerġiji f'oqsma oħra bħaċ-ċibersigurtà, il-protezzjoni tal-infrastruttura kruċjali u l-isforzi kontra t-terroriżmu. Ġew stabbiliti wkoll rabtiet aktar mill-qrib bejn is-SEAE u l-aġenziji rilevanti (eż. l-Europol u l-Frontex). Ġew organizzati żewġ laqgħat PSC-COSI fl-2012 fejn ġew indirizzati skambji dwar id-dimensjonijiet ġeografika (il-Balkani tal-Punent, is-Sahel u l-Libja) tal-attivitajiet tal-UE, u żewġ laqgħat PSC-COSI li kkonċentraw fuq is-sitwazzjoni tas-sigurtà f'Mali saru fi Frar 2013.

Kwistjonijiet ta' sigurtà interna issa huma sistematikament miżjuda mal-aġenda ta' djalogi politiċi ma' pajjiżi u organizzazzjonijiet rilevanti li mhumieks membri, u huma indirizzati wkoll fil-partenarjati u ftehimiet strateġiċi rilevanti. It-tnedija tad-djalogi lejn **Sħubiji dwar Mobilità, Migrazzjoni u Sigurtà** mal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran jirrappreżentaw kanali oħra li jsaħħu l-kooperazzjoni fuq kwistjonijiet ta' sigurtà interna ma' msieħba esterni. Bl-istess mod, il-proċess ta' qabel l-adeżjoni u b'mod partikolari x-xogħol li għaddej fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ ta' wara l-liberalizzazzjoni tal-viża ma' ħames pajjiżi mill-Balkani tal-Punent, l-implimentazzjoni tal-pjan għal-liberalizzazzjoni tal-viża mal-Kosovo u l-Aġenda Pożittiva mat-Turkija huma għodod b'saħħithom biex jgħinu pajjiżi mhux membri fl-allinjament tal-qafas legali tagħhom u l-kapaċità operazzjonali mal-acquis u l-istandards tal-UE fil-qasam tas-sigurtà.

Azzjonijiet speċifiċi kontra theddid globali li jtejb u s-sigurtà interna tal-UE huma ffinanzjati b'mod ugwali barra l-UE taħt l-Istrument tal-UE għall-Istabbiltà.

3.3. Inħejju l-ġejjieni:: il-programm ta' Riċerka għas-Sigurtà tal-FP7 u lil hinn

Mill-2007 il-Kummissjoni ffinanzjat il-Programm FP7 dwar ir-Riċerka fis-Sigurtà sa 1.4 biljuni ta' euro. Aktar minn 250 proġett ġew finanzjati b'involvement sinifikanti tal-partijiet interessati. Maġġoranza ta' suġġetti li jinsabu fl-ambitu ta' dan ir-rapport ġew indirizzati, bħal azzjonijiet kontra l-isplussivi, azzjoni CBRN, ir-radikalizzazzjoni, u s-sigurtà tal-fruntieri.

F'Lulju 2012 il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni għall-Politika tal-Industrija tas-Sigurtà — Pjan ta' azzjoni għal Industrija tas-Sigurtà innovattiva u kompetittiva²⁵. Il-Pjan ta' Azzjoni jipprevedi aktar miżuri biex jarmonizza s-suq tas-sigurtà tal-UE u jagħlaq id-distakk bejn ir-riċerka u s-suq, partikolarment permezz ta' attivitajiet ta' standardizzazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni CBRN, is-sigurtà tal-fruntieri u l-ġestjoni tal-kriżijiet/il-protezzjoni ċivili.

4. KONKLUŻJONI


L-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tinsab sew fi triqitha. Kif wera dan ir-rapport, sar ħafna xogħol taħt il-ħames għanijiet. Madankollu, għad hemm triq twila quddiemna. Għall-2013 il-kriminalità organizzata għadha meqjusa bħala waħda mill-isfidi ewlenin għas-sigurtà interna tal-UE li trid tiġi indirizzata. Il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, it-traffikar u l-gruppi tal-kriminalità organizzata mobbli huma biss uħud mit-theddid previst. Iċ-

²⁵ COM(2012) 417 finali.


ċiberkriminalità tkompli tkun waħda ta' tħassib partikolari. Sfida importanti oħra għall-2013 hija biex jittejbu l-għodod biex jiġi indirizzat aħjar l-estremiżmu vjolenti li qed jiżdied.

Ir-rapport li jmiss dwar l-implimentazzjoni tal-ISS, li huwa l-aħħar wieħed se jiġi ppreżentat f'nofs l-2014. Ir-rapport se jivvaluta jekk l-għanijiet tal-ISS ntlaħqux u se jqis ukoll sfidi futuri fil-qasam tas-sigurtà interna.

Anness 1: Ħarsa ġenerali grafika lejn l-azzjonijiet ippjanati għall-2011-2014



OBJETTIV 2: Prevenzjoni tat-terroriżmu u l-indirizzar tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ			
	Azzjoni 1: Għoti tas-setgħa lill-komunitajiet biex jipprevjenu r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ	Azzjoni 2: Qtagħ tal-aċċess għall-fondi u l-materjali mit-terroristi u l-insewiment tat-tranżazzjonijiet tagħhom	Azzjoni 3: Protezzjoni tat-trasport
2011		Komunikazzjoni tal-UE dwar l-estrazzjoni u l-analiżi tad-dejta tal-messaġġi finanzjarji	
2012	Network tal-UE għal kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni b'forum onlajn u konferenzi madwar l-UE. Appoġġ għas-soċjetà ċivili biex tesponi, tittraduċi u tisfida l-propaganda ta' estremiżmu vjolenti	Rapport ta' nofs it-terminu dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE CBRN u reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Isplussivi Valutazzjoni tal-Impatt dwar it-twaqqif ta' Sistema tal-UE għar-Ritraċċar tal-Iffinanzjar tat-Terroristi Ħolqien ta' qafas għal miżuri amministrattivi bħall-iffriżar ta' fondi ta' persuni suspettati b'attivitajiet terroristiċi ġewwa l-UE Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni dwar is-sejbiet tat-TFTS	Implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni għall-prevenzjoni tal-aċċess għall-isplussivi u sustanzi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari Komunikazzjoni dwar il-Politika tas-Sigurtà tat-Trasport Għażliet għal aktar tisħiħ tas-sigurtà tat-trasport, b'iffokar partikolari fuq kwistjonijiet tat-trasport bl-art L-Istati Membri: Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Sigurtà tal-Merkanzija bl-Ajru
2013	Symposium ta' livell għoli fuq il-Għieda kontra l-Estremiżmu Vjolenti Aġġornament ieħor tal-istrateġija tal-UE fuq il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ		Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-immarkar ta' Protezzjoni Ewropea għall-Infrastruttura Kritika
2014	Kodiċi tal-kuluri: Aħdar: Azzjoni mitmuma Isfar: Azzjoni għaddejja		



OBJETTIV 4: Tisħiħ tas-sigurtà permezz tal-ġestjoni tal-fruntieri					
	Azzjoni 1: Esplojtazzjoni tal-potenzjal sħiħ tal-EUROSUR	Azzjoni 2: Tisħiħ tal-kontribuzzjoni tal-Frontex fil-fruntieri esterni	Azzjoni 3: Ġestjoni tar-riskju komuni għall-moviment tal-oġġetti meta jaqsmu l-fruntieri esterni	Azzjoni 4: Titjib fil-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-livell nazzjonali	Kwistjonijiet trasversali
2011	Proposta għat-twaqqif tal-EUROSUR Proġett pilota operazzjonali fil-fruntiera tan-nofs inhar jew il-lbiċ tal-UE Emenda tar-regolament tal-Frontex mill-PE u mill-Kunsill				
2012	L-Istati Membri u l-Frontex: l-kompli l-isforzi tagħhom rigward it-twaqqif tal-EUROSUR		Żvilupp ta' inizjattivi biex jiġiebu l-kapaċitajiet għall-immirar u l-analiżi tar-riskju	Isiru suġġerimenti għal titjib tal-koordinazzjoni tal-verifiki fil-fruntieri mwettqa minn awtoritajiet differenti	Żvilupp ta' analiżi tar-riskju komuni nazzjonali li jinvolti l-pulizija, gwardji tal-fruntieri u awtoritajiet doganali biex jiġu identifikati punti problematiċi fil-fruntieri esterni L-Istati Membri: Jimplimentaw l-azzjonijiet fiċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE Proposti bbażati fuq ir-riżultat tad-diskussjonijiet fuq il-Komunikazzjoni dwar Fruntieri Intelliġenti (Sistema ta' Dhu/Ħruġ u l-Program ta' Vjaġġaturi Rreġistrati) Jipparteċipaw b'mod attiv fid-djalogi dwar il-migrazzjoni, il-mobbiltà u s-sigurtà mal-gvernijiet il-ġodda tal-Afrika ta' Fuq u tal-Lvant Nofsani
2013	EUROSUR stabbilit kompletament				
2014	Kodiċi tal-kuluri: Aħdar: Azzjoni mitmuma Isfar: Azzjoni għaddejja			Żvilupp ta' standards minimi u l-aqwa prattiki għall-kooperazzjoni bejn l-aġenziji	

OBJETTIV 5: Żieda fir-reżiljenza tal-Ewropea għall-kriżijiet u d-diżastri				
	Azzjoni 1: Isir użu sħiħ tal-klawsola tas-solidarjetà	Azzjoni 2: Strateġija fejn jiġu identifikati l-perikli kollha tat-tneħħid u l-valutazzjoni tar-riskju	Azzjoni 3: Jingħaqdu flimkien iċ-ċentri differenti ta' għarfien tas-sitwazzjoni	Azzjoni 4: Żvilupp ta' Kapacià Ewropea ta' Rispons għall-indirizzar tad-diżastri
2011		Valutazzjoni tar-riskju u linjigwida dwar l-immappjar għall-ġestjoni tad-diżastri Proposta fuq it-tneħħid għas-saħħa L-Istati Membri: Strateġiji nazzjonali għall-ġestjoni tar-riskju		Proposti għall-iżvilupp ta' Kapacià Ewropea għar-Rispons ta' Emerġenza
2012	Preżentazzjoni ta' proposta konġunta dwar l-implimentazzjoni tal-klawsola tas-solidarjetà mar-Rappreżentant ta' Livell Għoli għall-Affarijiet Esterni u l-Politika tas-Sigurtà	Titwettagħ ħarsa ġenerali trans-settorjali ta' riskji futuri possibbli naturali u kkawżati mill-bniedem	Jiġu rinforzati r-rabtiet bejn twissija bikrija speċifika għas-settur u funzjonijiet ta' kooperazzjoni fil-kriżijiet	Proposta għal qafas ġenerali koerenti għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata
2013		Titwettagħ ħarsa ġenerali regolari tat-tneħħidiet kurrenti bażati fuq il-valutazzjonijiet nazzjonali tar-riskju		Żvilupp ta' regoli ta' implimentazzjoni għat-twaqqif ta' Kapacià Ewropea għar-Rispons għad-Diżastri
2014	Kodiċi tal-kuluri: Aħdar: Azzjoni mitmuma Isfar: Azzjoni għaddejja	Twaqqif ta' politika koerenti għall-ġestjoni tar-riskju		Il-Kapacià Ewropea għar-Rispons ta' Emerġenza tkun operazzjonali